**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 102 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Jonathan Camilleri**

Illum, 20 ta' Ottubru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant JONATHAN CAMILLERI detentur tal-karta tal-identita numru 59184 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar it-12 ta' April, 2018, ghall-habta ta' 07:30hrs gewwa z-Zurrieq u/jew f' postijiet ohra fil-gzejjer Maltin:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja f' periklu car ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Carmel Grixti, liema persuna ghalqet is-sittin sena (Artikolu 222A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) skond kif iccertifika Dr. Marilyn Baldacchino (MD Reg. No: 3556) mid-dipartiment tas-Sahha tal-Mosta.

2. Ingurja, hedded b'mod mhux imsemmi banda'ohra f'dan il-kodici jew jekk ipporovka, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil Carmel Grixti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Gunju, 2020, fejn il-Qorti filwaqt illi iddikjarat li l-azzjoni kriminali kwantu t-tieni imputazzjoni, waqghet bi preskrizzjoni u konsegwentement astjenit milli tiehu konjizzjoni taghha, wara li rat l-Artikoli 31, 216 (1) (b) (d) u 222 A (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-

imputat JONATHAN CAMILLERI hati ta' l-ewwel imputazzjoni u ikkundannatu tmintax (18)-il xahar prigunerija, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat illi din is-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perijodu ta' sentejn (2) mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti b'zieda mal-piena, ikkundannat lill-hati jhallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' hames mija u erbgha u sebghin Ewro u ghoxrin centezmu (€ 574.20)[1].

Ai termini tal-Artikolu 28 A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28 B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u billi tqis li huwa xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Carmel Grixti, il-Qorti rabtet lill-hati, cioe` lil JONATHAN CAMILLERI b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' mitejn Ewro (€200) li ma jimmolestax lill-istess Carmel Grixti, u dan ghal zmien tnax (12)-il xahar mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appellanti Jonathan Camilleri minnu pprezentat fit-8 ta' Lulju, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u tirriforma s-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Gunju 2020 billi tikkonfermha in kwantu l-esponent gie misjub mhux hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu ghax preskritta u thassarha fil-kumplament billi ssib lill esponent mhux hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu u minnha tilliberah u b'hekk tehilsu minn kull htija u piena u fin-nuqqas ta' dan li taghti piena, inkluz dwar l-ispejjez peritali, li tkun aktar taghmel ghal kaz.

Rat Illi l-aggravju tal-esponent hu wiehed car u manifest u jikkonsdisti f'dan li gej:

1. Fl-ewwel lok l-Ewwel Qorti, ciononostante li kellha zewg rapporti konfliggenti maghmula minn esperti nominati minnha dwar in-natura tal-ferita sofferta minn Carmel Grixti f'dan l-incident, wiehed minn Mr.

[1] Dr. Fredrick Zammit Maempel € 305 (a fol 65) Dr Mario Scerri € 269.20 (fol 163)

Zammit Meampel, rikonoxxut bhala wiehed mill-ahjar specjalisti fl-ortopedija f'pajjizna, li wasal ghal konkluzjoni li l-ferita sofferta minn Carmel Grixti kienet wahda ta' natura hafifa, u l-iehor minn Dr. Mario Scerri li wasal ghal konkluzjoni li l-ferita sofferta minn Carmel Grixti kienet wahda ta' natura gravi ghax skont hu ksur ma jfieqx fi zmien tliet gimghat, jipprezenta stat ta' fatt li certament johloq dubbju ragjonevoli dwar in-natura tal-ferita ferita sofferta. Madankollu, l-Ewwel Qorti dehrilha li ghandha tiskarta dak li xehed dwaru l-espert ortopediku u toqhgod fuq l-espert medico-legali li qal li ezamina r-records tal-isptar li ma jidhrix li gew guramentati. Fil-fatt l-Ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni li l-ferita li sofra Carmel Grixti f'dan l-incident kienet wahda gravi a tenur tal-artikolu 218(1)(b) u (d) tal-Kap 9 allovolja l-espert ortopediku xehed li dak li kellu grixti f'sebghu ma jikkawzax ribrezz. Fil-fatt jidher li fir-rigward tal-art. 2181)(b) u (d) l-Ewwel Qorti ibbazat il-konkluzjoni taghha fuq X-ray li nghad li ttiehed fit-18 ta' Mejju 2018 ghaliex skont l-espert Dr. Scerri, "Il-callous formation ifforma sitt gimghat wara f'dak l-x-ray li kien hemm il-frattura ta' dan l-incident .....frattura ma tihhiljax fi zmien tliet gimghat", u dan anke jekk irrizulta li Grixti kien garrab xi hsara f'sebghu snin qabel. Dan ifisser illi l-general knowledge li Dr. Scerri ghandu fl-ortopedija jissupera l-expert knowledge li l-ortopediku Zammit Maempel ghandu fl-ortopedija. Se mai, anke se si tratta dwar zewg esperti fil-mestier taghhom, il-konkluzjonijiet opposti taghhom kellhom iwasslu lill gudikant jasal ghal konkluzjoni li almenu jezisti dubbju ragjonevoli fir-rigward.

2. Fit-tieni lok jidher li l-Ewwel Qorti ma applikatx tajjeb il-pincipji tal-ligi kriminali sostantiva u procedurali ghal fatti li rrizultawlha f'dan il-kaz. F'dan ir-rigward l-esponent qed umilment jissottometti s-segwenti:

i) M'hemmx dubbju li meta gara l-incident li fih wegga Carmel Grixti kien l-istess Carmel Grixti li tela' t-tarag fejn fil-quccata tieghu kien hemm l-esponent, u dan wara li l-istess Grixti kien waqqaf il-

karozza tieghu f'nofs it-triq u halla l-bieba tan-naha tieghu miftuha, u dan kif ammetta hu stess fix-xhiedha tieghu tat-22 ta' Novembru 2018, u ghal-liema konkluzjoni waslet ukoll l-Ewwel Qorti meta qalet "...illi l-parti leza tgerbeb it-tarag....."

ii) M'hemmx dubbju wkoll illi kull ma ghamel l-esponent kien illi ghall-aggressjoni f'salt u ngusta ta' Carmel Grixti li tela' ghalih it-tarag b'mod aggressiv li laqa' b'idejh, stint naturali li wiehed jaghmel meta xi hadd jigi attakkat. Illi ghalkemm l-Ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni li l-esponent imbotta lill parti lesa, l-azzjoni tal-esponent tista' tigi interpretata kemm illi meta l-esponent hareg idejh biex jilqa' ghall-aggressjoni tal-parti lesa dan habat ma jdejn il-parti lesa u b'hekk din tgerbet it-tarag u kif ukoll illi meta l-esponent hareg idejh biex jilqa' ghall-aggressjoni ngusta, laqat lill parti lesa u din tgerbet it-tarag li kienet telghet biex tiggradixxi lill esponent. F'kaz ta' dubbju ragonevoli irid imur favur l-esponent bhala l-akkuzat.

iii) Illi l-Ewwel Qorti meta ddeskriviet l-azzjoni bl-idejn tal-esponent qalet, ma ghandha l-ebda dubbju lanqas illi l-griehi li sofra l-parti lesa meta waqa', gew ikkagjunati bhal konsegwenza diretta ta' din l-azzjoni tal-imputat, kellux jew le il-hsieb li jikkaguna xi griehi lill parti leza". (Sottolinear tal-esponent). Hawn tqum il-mistoqsija, is-sejbien ta' htija ta' ikkagunar ta' ferita gravi m'ghandux ikun akkumpanjat mill-intenzjoni generika li taghmel hsara lill persuna? Ghax jekk ma jigix ippruvat minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni li l-actus reus kien akkumpanjat mill-mens rea mehtiega fid-delitt ta' feriti fuq il-persuna allura ma jistax jinghad illi hemm id-delitt.

iv) Illi anke kieku wiehed jista' jasal ghal-konkluzjoni minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni li l-uzu tal-idejn da parti tal-esponent kien akkumpanjat bl-intenzjoni generika li jikkaguna hsara fuq il-

persuna ta' Carmel Grixti, jibqa' l-fatt li dak li ghamel l-esponent kien biex jiddefendi ruhu minn attakk ghsallarrieda u ingust bl-uniku mezz li kellu ghad-dispozizzjoni tieghu, u cioe' idejh.

v) Illi ghalkemm l-esponent qajjem din id-difiza tal-legittima difesa, li fil-kaz tal-esponent bhala akkuzat jenhtieglu jippruvha fuq il-bazi ta' bilanc ta' probabilta', l-Ewwel Qorti, wara li kkwotat diversi sentenzi u awturi, waslet ghal konkluzjoni li m'ghandiex tapplika l-iskiminanti tal-legittima difiza nonostante li bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti l-esponent isostni li dan il-kaz hu ezempju klassiku (text-book csase) ta' legittima difiza. Meta wiehed ikun 'l boghod minn haddiehor u dan il-haddiehor jitla' tarag ta' madwar sular biex jiggradih u l-aggredit jilqa' b'idejh ghall-aggressjoni ma hux il-kaz klassiku ta' legittima difiza? Illi fil-fatt l-Ewwel Qorti, ghalkemm fl-evalwazzjoni taghha ta' dan il-kaz waslet ghal konkluzjoni li jekk l-versjoni tal-esponent tigi emmnuta, kif l-esponent isostni li ghandha anke ghax hi anke msahha mic-cirkostanzi tal-kaz, ma rravizatx fl-aggressjoni manifestata mill-parti leza li skont il-Qorti setghet kienet ingusta, xi perikolu gravi w attwali ghall-inkolumita' fizika tal-esponent. Illi f'dan ir-rigward qed jigi sottomess umilment illi l-evalwazzjoni tal-Qorti qed issir post factum meta fil-kaz ta' legittima difesa wiehed ghandu jhares lejn l-affarijiet kif kienu qed jigru dak il-hin u dan mill-punto di vista tal-aggredit. Barra minn hekk, l-Ewwel Qorti qalet ukoll li, "L-imputat seta' facilmen jilqa' ghal dak li haseb li kien rinfaccjat bih minghajr il-htiega li jimbotta lill istess parti lesa bl-effetti manifestament previdibbli li jikkonsegwu u effittivament ikonsegwew, minn azzjoni bhal dik, fic-cirkostanzi. Ghalhekk ir-reazzjoni tal-imputat meta imbotta lill parti lesa lura fit-tarag ma tista' lanqas titqies li zvolgiet f'sitwazzjoni li kienet inevitabbli, ghaliex certament l-uzu ta' din il-forza ma kientx l-uniku mod kif huwa seta jevita' l-minaccja". Filwaqt li l-Ewwel Qorti kompliet tghid li fl-opinjoni taghha r-reazzjoni tal-esponent kienet

> manifestament sproporjonata ghall-aggressjoni jew il-minaccja jirrizulta li nutuzat forza fl-imbottatura li b'rizultat taghha l-parti lesa mhux talli waqa' lura izda spicca waqa' t-s'isfel nett...". Filwaqt li bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti din ma tat l-ebda ezempju kif f'kaz bhal dan riedet tkun ir-reazzjoni ghall-aggressjoni ngusta f'dan il-kaz lanqas ma jidher li sar xi studju bazat fuq il-ligijiet tal-fizika dwar kif kellha tkun difiza proporzjonata.

Illi ghalkemm l-esponent qajjem ukoll, in subsidium ghad-difiza tal- legittima difesa, l-iskuzanti tal-povokazzjoni, li fil-kaz tal-esponent bhala akkuzat, hu mehtieg li jirpprovha fuq il-bazi ta' bilanc ta' probabiltajiet, l-Ewwel Qorti wara li ezaminat il-ligi relevanti u kkwotat lill Profs. Mamo u mis-sentenza fl-appell kriminali Il-Pulizija vs Paul Abela et. deciza minn din l-Onorabbli Qorti fl-10 ta' Settembru 2004, waslet ghal konkluzjoni li d-difiza m'rnexxiliex tipprova fuq bilanc ta' probabiltitajiet illi l-agir tal-parti lesa, anke jekk jista' jitqies bhala ngust, ma kienx ta' karattru provokatorju li tali li persuna ta' temperament normali tilef il-kontroll taghha innifisha biex tirreagixxi kif effettivament ghamel l-esponent fil-kaz odjern, u biex ma tqisx l-effett ta' din ir-reazzjoni, liema effetti kienu f'kull kaz previedibbli.

Illi apparti l-fatt li skont il-ligi, anke jekk imputat ma jirnexxielux li jipprova d-difizi li jkun jqajjem almenu fuq bilanc ta' probabilitajiet xorta wahda jibqa' jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova l-akkuzi taghha minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni, mir-ragunament tal-Ewwel Qorti donnu johrog li biex min jigi aggredit jibqa' jagixxi fil-parmanetri tal-ligi dan ghandu jibqa' bhal baqqa jistenna li l-ewwel li isofri id-dannu fil-persuna tieghu (il-ligi tghid anke fi hwejgu) u wara jiddefendi ruhu u/jew jirreagixxi. Din hi kontradizzjoni fil-legittima difiza ghax jekk tirereagixxi wara li tkun saret il-hsara u il-periklu jkun ghadda ir-reazzjoni tista' tkun biss wahda ta' provokazzjoni u mhux ta' legittima difesa.

Illi f'dan il-kaz hu ta' importanza l-fatt li kien l-esponent li mar jaghmel rapport dwar l-incident fl-Ghassa tal-Pulzija taz-Zurrieq u li kieku ma ghamilx hekk hu wisq probabbli li ma kienu jittiehdu l-ebda passi kriminali fil-konfront tieghu. Kien appuntu ghax fil-fehma tieghu ma ghamel xejn hazin u li kull ma ghamel kien li

ddefenda ruhu li ha n-numru tal-karozza tal-aggressur tieghu, li f'dawn il-proceduri saret il-parti lesa, biex ikun jista' jirrapporta l-incident. Dan il-fatt wahdu juri li l-esponent hu innocenti milll-akkuzi li gew addebitati fil-konfromt tieghu.

3. Fit-tielet lok u in subsidium ghal dak hawn fuq imsemmi dwar htija o meno, l-esponent jissottometti bir-rispett li fi kwalsisi kaz il-piena inflitta fuqu hi wahda severa ferm fic-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan anke fid-dawl tal-fedina penali kwazi netta tal-esponent. Oltre' dan, jekk ir-rapport tal-espert ortopediku Fredrick Zammit Meampel gie meqjus mill-Ewwel Qorti bhala li ma kellu l-ebda valur fid-decizjoni ta' dan il-kaz, l-esponent ma kellux jigi kkundnnat ihallas ghall-ispejjez tieghu fl-ammont ta' €305.00 u dan kif gie stabbilit mill-Qorti tal-Apell Kriminali Superjuri.

Il-Qorti semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-7 ta' Settembru 2020.

Ikkunsidrat,
Illi l-aggravji tal-appelant huma principalment tlieta. Jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti skartat ir-rapport tal-konsulent Ortopediku Dr Zammit Maempel u strahet fuq ir-rapport ta' Dr Mario Scerri li hu tabib specjalist fil-medicina Forensika mhux fl-Ortopedija bhal Dr Zammti Maempel u kien ghalhekk li sabet lill-appellant hati li kkaguna feriti ta' natura gravi per durata. Fit-tieni lok li ma laqghetx id-difiza tal-legittima difesa imresqa mill-appellant met adna mkien kaz klassiku li li l-appellant agixxa in difesa tieghu. U fit-tielet lok li l-piena inflitta kienet wahda eccessiva.

Ghalhekk sabeix din il-Qorti tara jekk tali aggravji ghandhomx jigu milqugha kellha fl-ewwel lok tezamina bir-reqqa il-provi kollha prodotti mill-partijiet u dan sbaeix tara jekk il-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti keinzx wiehed *safe and satisfactory* fil-kwadru tal-provi prodotti

Ikkunsidrat ultejorment.

Jinghad ghalkekk li l-appellant fl-ewwel lok jilmenta mill-fatt li l-Qorti sabitu hati talli ikkaguna ferita ta' natura gravi meta hija rinfaccjata b'zewg rapporti kontrastanti wiehed rilaxxjat mill-konsulent Orteopediku Dr Frederick Zammit

Maempel li kkonferma lil-feriti subiti minn Grixti kienu ta' natura hfief u dak rilaxxjat minn Dr Mario Scerri specjalist fil-medicina forensika li jghdi li l- feriti subiti minn Grixti kienu ta' natura gravi. Jinghad li Dr Frederick Zammit Maempel kien gie nominat mill-Qorti b'digriet taghha tat-22 ta' Novembru, 2018 beix jezamina lil Grixti kif ukoll Dr Mario Scerri kein nominat mill-Qorti b'digriet taghha tad-9 ta' Lulju, 2019 u dan wara li kien l-istess Avukat Generali li ghamel tali talba bir-rinviju tieghu tat-2 ta' Lulju 2019[2]. Illi ghalhekk din ma hiex kwistjoni fejn rapport wiehed gie rilaxxjat minn tabibn tal-aprte civile u l-iehor minn espert tal-Qorti izda huwa kaz fejn l-istess Qorti innomiant zewg tobba fi zmien differenti f'dixxiplini differenti li taw rizutlata differenti. Jigi rilevat li waqt l-proceduri kienu qed jinstemghu quddiem l-ewwel Qorti hadd mill-partijiet ma kkontesta la l-indipendenza taghhom u lanqas il-kompetenza taghhom . Jidher li z-zewg eseprti nominati mill-Qorti kienu persuni imparzjali u indipendenti mill-partijiet, kif trid il-ligi. Inoltre, il-Qorti tal-Magistrati ippermettiet li fl-istess udjenza li l-esperti medici xehdu sar il- kontro ezami taghhom.

F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs John Borg</u>** [3] fejn kien dikjarat li:

*"Wara kollox, is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali jiddisponi testwalment li:*

*"Fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali [fit-test ingliz]: special knowledge or skill], ghandha tigi ordnata perizja."*

*Sabiex persuna jkollha hila jew sengha specjali mbaghad, mhuwiex mehtieg, ghall-finijiet ta' din id-disposizzjoni tal-ligi, li dik il-persuna tkun akkwistat tali hila jew sengha unikament permezz ta' studji formali fil-branka partikolari. Bhalma naqraw f'Blackstone's Criminal Practice 200125 , "whether a witness is properly qualified in the subject calling for expertise is a question for the court. Such competence or skill may stem from formal study or training, experience, or both".*

---

[2] Fol. 127

[3] Deciza mill tal-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-13 ta' Lulju, 2006 - Appell Kriminali Numru 22/1997

Fis-sentenza tas-South Australia Supreme Court fl-ismijiet **R. v. Bonython** (1984) 38 S.A.S.R. 45, citat f'Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 200326, King C.J. qal:

*"Where the witness possesses the relevant formal qualifications to express an opinion on the subject, an investigation on the voir dire of his methods will rarely be permissible on the issue of his qualifications. There may be greater scope for such examination where the alleged qualifications depend upon experience or informal studies.... Generally speaking, once the qualifications are established, the methodology will be relevant to the weight of the evidence and not to the competence of the witness to express an opinion....*
*If the qualifications of a witness to give expert evidence are in issue, it may be necessary to hear evidence on the voir dire in order to make a finding as to those qualifications...."*

*Fil-ligi taghna l-esperti ma jigux maghzula mill-partijiet (ghalkemm jistghu jintalbu mill-partijiet) izda jigu nominati mill-Qorti, li hi 'l fu mill-partijiet. Jekk espert hekk nominat ghandux verament il-kwalifiki li jipprofessa li ghandu, jekk ghandux verament 'hila jew sengha specjali' (Art. 650(1)) hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt, f'dan il- kaz ghall-gurati. Hu proprju ghalhekk li l-ligi tipprovdi li l- gudikant tal-fatt "mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu" (Art. 656). Konsegwentement il-kwistjoni ta' jekk il-Professur Hector Galea kienx l-ahjar espert li seta' jingieb f'dan il-kaz kienet kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gurati, u dwar dan, kif ser naraw, il-gurati gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri.*

*F'dan il-kaz, il-Professur Galea gie mistoqsi mid-difiza jekk hux forensic odontologist u hu wiegeb li hu dentist u li jahdem fil-forensika. Din il-Qorti hi a konoxxenza tal-fatt illi l-imsemmi Professur Galea m'ghandux kwalifiki formali fl- odontologija izda taf ukoll illi ghandu snin konsiderevoli ta' esperjenza f'dan il-qasam. Issir referenza f'dan ir-rigward ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament komposta fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Pollacco moghtija fl-1 ta' Dicembru 2005, u, bhalma nt al f'dik is-sentenza, hawn ukoll tghid li ma tara l-ebda raguni sabiex tghid li l-Professur Hector Galea ma kellux il-kwalifiki mehtiega biex jikkonduci x-xoghol kollu mehtieg skond l-inkarigu li kien gie moghti mill-Magistrat Inkwerenti u li, fl-ahhar mill-ahhar, il-gurati kienu dejjem liberi li jaslu ghal konkluzjoni differenti u ma jaccettawx l-opinjoni tieghu."*

F'dan il-kaz il-materja kienet wahda li titratta allegat frattura ta' ghadma. Skond il-konsulent Dr Frederick Zammit Maempel fir-rapport tieghu esebit fl-atti jiddeskriva dan il-ksur bhala wiehed l-isfel mir-ras tal-ghadma 'metacarpal' tas-seba z-zghir (oblique subcapital fractue Vth MC). Jghid li ir-ras ta' l-ghadma tinstab kemmsejn l=-isfel ( palmar) u lura (proximally). X rays tal-id mehudin fit-22 ta' Mejju 2018 juru il-ksur jaghqad u l-ghadma metakarpali giet ftit iqsar. Jghid li pero' mill-Isortja medika tieghu jirrizulta li Grixti kellu xi ksur fl-sitess id f'xi zmien antecedenti. Meta kein sar xi maipulazzjoni tal ksur qabel it-12 ta' Settembru 1983 ghaliex hemm nota f'dan ir-rigward minn Dr John Casaletto dwar rimanipulation u l-inkartament fil-file ma jindikax kif giet il-posizjoni tla-ksur u minkejja li kien inghata apputnament ghall out patient ma jirrizultax mill-file li kien attenda. Ghalhekk Dr Zammit Maempel ikkonkluda li l-ksur tal-ghadma MC tas-seba z-zghir tfieq fi tlett gimghat u ghalhekk ma setax jikkonkluda li l-ghadma kienet ghaqdet angolata jew ftit qasira fis-sena 1983 u mill-ezami mediku kirurgu mizmum minnu irrizultalu li Grixti kellu l-moviment shih fis-seba z-zghir u zgur la ma hemmx debilita permanenti.

Din il-Qorti ezamiant ukoll ir-rapport ta' Dr Mario Scerri u fil-konkluzjoni tieghu ma isemmi xejn dwar l-ksur li Grixti kellu antecedentement kif jirrizutla mill-Isotrja medika teighu u ma jghamel l-ebda refernza ghal dan il-fatt . Jghid biss li l-ferita ta' oblique fracture tal vth MC bone tal lemin hija kompatibbli ma blunt trauma u hija lezjoi ta' natura gravi per durata.

Din il-Qorti ghalkemm hija rinfaccjata b'zewg rapporti kontrastanti thoss li ghandha tabbraccja iktar l-konkluzkonijeit raggunti mit-tabib Konsulet Ortopediku Dr Zammti Maempel udan ghaleix fl-ewwel lok jidher li tali feriti taqa' fl-ispecjalizazzjoni tieghu ta' Ortopedija u fit-tieni lok jidher li Carmel Grixti gja kellu frattura fl-sitess id u l-konsegwenzi ta' l-ewwel frattura ma jirrizutlawx mill-atti u ghalhekk kif tajjeb osserva Dr Zammit Maempel il-fatt li jidher li '*l-ghadma kienet ghaqdet angolata jew ftit qasira*' seta kien kagun ta' l-ewwel incident. Ghalhekk kuntrarjament ghal dak li waslet ghalih l-ewwel Qorti a bazi tar rapport ta' Dr Mario Scerri , din il-Qorti hija tal-fehma li ma tistax tigi skartata l-konkluzjoni ta' Dr

Zammti Maempel u ghalhekk tiddikjara li l-feriti subiti minn Grixti huma ta' natura hafifa u mhux gravi per durtata.

Dwar it-tieni aggravju u cioe' jekk din l-ewwel Qorti ghamlet hazin meta ma akkoljitx id-difiza tal-legittima difesa din il-Qorti kellha tanalizza u tesamina l-provi kollha imresqa mill-partijiet partikoalment dawk diretti lejn kf svolga l-incident u dak li intqal mill-partijiet. Din il-Qorti kellha għalhekk tirrevedi l-evidenza li ingħatat f'dan il-każ u għamlet analiżi dettaljata tagħha. Dan huwa każ tipiku fejn diffiċli tgħid kemm u safejn ix-xiehda tax-xhieda tirriflettu l-verita storika ta' dan l-inċident.

**PS 1434 M. Mercieca** xehed moghtija permezz ta' affidavit inserit fl-atti[4] u dan spjega li nhar it-12 ta' April, 2018 waqt li kien xoghol l-ghassa tal-pulizija taz-Zurrieq ghall-habta tat-7.40am l-appellant irraporta li ftit qabel ghall-habta tas-7.30 a.m huwa kien qieghed jigri fi Triq Wied Babu, Zurrieq hdejn is-*service road*. Innota li fil-vettura numru ta' registrazzjoni IBF 937 kien hemm ragel xufier fejn kien ha jtajjar lilu u ragel iehor li kien qed jigri hdejh. Huwa ghalhekk gibidlu l-attensjoni izda baqa' jigri u dahal fi Triq il-Barrieri, Zurrieq. Jonathon kompla jghid li sema ix-xuffier idoqq l-horn fejn dan haseb li kien qed idoqq lil tax-xarabnak u ghalhekk baqa' jigri izda baqa' jisma il-horn anke minn triq paralella u sahansitra anke ra ix-xuffier jghamel sinjal b'idejh. Jonathon stqarr li waqaf peress li haseb li x-xuffier kien ser jiskuza ruhu pero' beda jghajjat u Jonathon qallu '*Ha tiehu tieghek, minn fuq li kwazi tghajjartna*'. Qal ukoll li sid il-vettura li ma kienx laqathom beda joffendih ghal darba darbtejn wara xulxin fejn imbaghad Jonathon imbutta lix-xuffier u gew fl-idejn fejn ix-xuffier imbaghad beda itih b'xi slipper.

Ftit tal–hin wara l-appellant ipproduca certifikat mediku rilaxxjat min Dr Anthony Gauci fejn gie iccertifikat li kien qed isofri minn griehi hfief salv komplikazzkjonijiet. Gie mitkellem Carmel Grixti rigward dan ir-rapport fejn dan stqarr illi fl-imsemmija gurnata huwa kien ghaddej bil-vettura tieghu tal-ghamla Ford bin-numru ta' registrazzjoni IBF 937 minn Triq Wied Babu, Zurrieq fejn huwa ried jidhol fi Misrah il-Karmelitani, Zurrieq u kellu l-indicator mixghul biex idur fuq ix-xellug fil-garage

[4] Fol. 3

tieghu. Kompla jistqarr li sab coach tat-tfal ta' l-iskola li kienet bicca fi Triq Wied Babu u bicca fil-Misrah il-Karmelitani. Carmel stqarr illi kif ra hekk huwa daqlu l-horn u waqaf jistenna lil coach.

Fil-pront gie jigri l-appellant minn naha ta' quddiem tal-vettura tieghu man naha tax-xellug tieghu fejn ghadda ghal quddiemu u ragel iehor jigri minn naha t'isefel ta' Wied Babu fejn hekk kif dar ma wara tal-coach sab lil ragel l-iehor fejn hekk kif iltaqghu quddiem il-vettura ta' Carmel dawn l-irgiel inhasdu. Stqarr ukoll li t-tieni ragel li gie minn naha t'isfel ta' Triq Wied Babu ghamillu xi mossi b'idejh izda kompla jigri ghal Triq il-Barrieri.

Carmel Grixti kompla jsitqarr illi kif kien ghadu fil-kantuniera bejn Triq il-Mizieb u triq ohra zghira bla isem li tiehdok ghal Triq Gianferli fejn hemm ghandu l-garage rega daqq il-horn ghall-coach fejn hemm ra lill-kwerelant jigri fi triq parralella ghal tieghu u rah jipprova jghidlu xi haga. Carmel stqarr li nizel mill-vettura tieghu u staqsih jekk ridx jghidlu xi haga fejn Jonathon nizel mit-tarag li hemm li tifred bejn iz-zewg toroq imabaghad bdew jargumetnaw u l-appellant imbotta lil Carmel it-tarag konsegwenza li waqa' it-tarag u garrab ferita taht l-irkoppa leminija, l-pala t'idu leminija kif ukoll kellu xi girehi fuq spaltu l- leminija. Carmel kompla jghid li kif qam beda jaghti lil Jonathon bis-slipper li kienet inqalghet minn saqajgh wara 'l waqa' fejn beda itih fuq spaltu filwaqt li beda jsitaqsih ghaliex kien imbuttah.

Nhar it-18 ta' April, 2018 rega mar l-ghassa taz- Zurrieq Carmel Grixti fejn stqarr li dakinhar tal-incident kien hemm certu Marcel Attard Baldacchino li kien xhud tal-istess incident fejn kien ghenu iqum minn ma l-art u jinzel it-tarag kif ukoll kien waqaf l-aggressjoni li kienet qed issir fuqu. Gie mtikellem dan Marcel Attard Baldacchino rigward dan ir-rapport fejn minn naha tieghu huwa stqarr illi dakinhar ta' l-incident huwa kien fil-gnien tar-residenza tieghu li qieghed bejn it-Triq il - Mizieb, triq zghira bla isem u triq Gianferli, Zurrieq fejn sema kummissjoni fejn kif lesta milli kien qed jaghmel mar jara x'gara fejn ra zewgt irgiel jargumentaw fejn huwa sikkithom u ragel minnhom li ma jafux qallu biex ma jindahalx. Stqarr li ra lil gar tieghu Carmel Grixti ma l-art fit-tarf tat-tarag fejn mar jghinu iqum u nnota li l-persuna l-ohra kien fil-parti ta' fuq tat-tarag. Marcel stqarr illi din il-persuna li ma

jafx rah johrog mobile u deher jiehu ritratt tal-bieb tal-garage. Marcel ikkonkluda illi dan ir-ragel li kellu argument ma Carmel kompla jimxi fi Triq il- Mizib fejn Carmel telaq minn fuq il-post u Marcel mar lura id-dar. Carmel Grixti pprezenta certifikat mediku mahrug minn Dr Maryln Baldacchino fejn gie deskritt li kellu ferita gravi. Dan ic-certifikat jinsab esebit fl-atti a fol. 2.

Nhar it-28 ta' April, 2018 ghall-habta tal-11.55 Carmel Grixti irraporta gewwa l-ghassa tal-pulizija iz -Zurreiq fejn stqarr li xtaq jghamel update tar-rapport peress li kien hemm zball. Carmel stqarr illi kif kien fil-kantuniera bejn it-triq il-Mizib u triq ohra zghira bla isem li tiehdok ghal triq il-Garfieri fejn hemm huwa ghandu l-garage tieghu, Carmel rega daqq il-horn ghat-tieni darba mhux ghall-coach izda biex idur il-kantuniera peress illi hija *blind corner.*

Nhar l-14 ta' Frar 2019[5] ix-xhud xehed viva voce il-Qorti u rrepeta ix-xhieda li huwa ta' fl-affidavit tieghu. Ipprezenta l-okkorenza redatta minnu li giet markata bhal dok RM3 .

**Carmel Grixti** xehed nhar it-22 ta' Novembru 2018,[6] u dan kkonferma li nhar it-12 ta' April, 2018 ghall-habta tas-7.30a.m kien nizel mill-ghalqa fi Tirq il-Barrieri, Zurrieq ftit 'l fuq mid-dar tieghu u gie biex idur ghal Triq Wied Babu biex jidhol fi Triq il-Karmelitani u dan ghaliex kien sejjer lejn il-garage tieghu li jinsab fi triq John Ferri, Zurrieq. X'hin gie biex idur xeghel l-indicator u sab coach tal-istudenti qeda tibblokkalu it-triq. Ghalhekk waqaf sadanitant minn fuq kien gej ragel jigri fit-triq.
Qal li kien waqaf qabel ma tidhol f' Misrah il-Karmelitani u l-coach ma hallilux bizzejjed spazju biex jghaddi u jdur ma Misrah il-Barrieri u ghalhekk ma setax jidhol f' Misrah il-Barrieri u ghalhekk spicca mal-parti ta' wara tal-coach.

Jghid li waqt li kien wieqaf min naha tal-lemin lejn ix-xellug nziel ragel jigri minn Triq il-Barrieri kien qieghed jiggogja. Meta dan rah ma kellux problema dar minn quddiem il-karozza tieghu biex jibqa' niezel. Sabiex dan jibqa' idur ried jghaddi minn wara l-coach u x'hin dar min wara il-coach minn isfel kien tielgha l-appellant.

[5] Fol. 71
[6] Fol. 16

X'hin hareg minn wara il-coach sabu wieqaf u dan prattikament dahal gol-bieba tal-karozza tieghu ghax kien wieqaf. Prova jisgicca idur mal-kaorzza u fil-fatt sab iehor nizel u kwazi habtu go xulxin bil-giri. Din it-tieni persuna pero' baqghet sejra. X'hin qabzu mar minn naha l-ohra u beda jghamillu mossi b'idejh u jghidlu xi affarijiet. Daqq il-horn, tal-coach ma tax kazu, rikkeb it-tfal u b'hekk seta jghaddi. Beda mixi Triq il- Mizieb li tigi taht cint fejn hemm triq ohra.

L-appellant baqa' tielgha ghal Triq il-Barrieri. Spjega li din it-triq tinsab sular taht triq ohra u fil-fatt jghidulha Taht ic-Cint. Huwa ghadda minn Triq l-Mizieb u meta wara fil-parti fejn hemm *blind corner* biex jidhol fil-garage tieghu daqq il-horn u ra lill-appellant fit-triq fejn hemm tarag tal-konkos jistennih u ghamillu xi haga ohra b'idejh u waqqaf fil-genb, gholla il-hand break u hareg u qallu '*trid tghidli xi haga*'. L-appellant ma kienx fil-karozza kien qed jigri. Dan beda niezel it-tarag u mar hdejh. Huwa esebixxa ritratt li gie markat bhala dok CG1 li jindika it-tarag li jghaqqad Triq il Mizieb ghal Triq tal-Brrieri u bejneithom hemm sular. L-appellant baqa' joffendih huwa hu nizel it-tarag u jghidlu min tak il-licenjza kont ser itajjar tnejn min nies u ma nafx kif tawk il-licenzja u affarijiet simili. Apparti dan kien hemm ukoll xi insulti. Dak il-hin jghid li l-appellant nizel it-tarag ghamel il-ponn ma wiccu u huwa qallu '*ara tmisnix'*. Dak il-hin kien telgha it-tarag waqt li l-appellant beda niezel l-istess tarag. Kienu qed jargumetnaw u f'hin minnhom hassu jimmbuttah ghal isfel u habat idejh, irkoptu u habat spallejh in-naha tal-lemin ma l-art. Dak il-hin Marcel Attard Baldacchino mar jigri minn hdejn il-plot tieghu u ghenu iqum minn ma l-art . Jghid li meta qam jaf li kellu papocca maqlugha fl-art u qam minn ma l-art u beda isaqsih ghaliex kien ghamillu hekk u telaq 'l hem mghaliex ma beda ihoss xejn dak il-hin.

Wara li kien id dar u kien qed jiehu shower ra xi dmija u mar il-polyclinic tal- Mosta u gie invistat minn tabib u kkonfema li c-certfikat mediku esebit fl-atti a fol. 2 gie mghoti lilu. Huwa esebixa xi ritratti ohra tal-feriti li subixxa li gew markati bhal dok CG 2 u CG3. Wara xi ftit cemplulu mill-ghassa tal-pulizija taz -Zurrieq u staqsewh jekk kellux xi incident u mar l-ghassa u irraporta dak li kien sehh u qalilhom li kellu ksur u bdew il-proceduri tal-pulizija.

Mistoqsi ghaliex waqaf il-karozza jghid li waqaf ghaliex ma setax jghaddi u ra lill-appellant mill-mera li beda jghamillu xi mosi u ra x'ried jghidlu. Jghid li vera nizel it-tarag meta l-appellant kien tielgha l-istess tarag. Dak il-hin l-appellant dawwar idejgh bil-ponn quddiem wiccu u x'hin qieghed jilqalu u jghidlu '*tmisnix*' dan messu u imbuttah l isfel. Malli imbuttah waqa' ma l-art.

**Marcel Attard Baldacchino** xehed u jghid li dak in-nhar tal-incident huwa kien qieghed fil-gnien tieghu ghall-habt tas-7.00a.m u kien hemm l-appellant faccata tad-dar tieghu. Meta beda jaqta' l-haxix sema xi vucijiet fit-tarag. Mistoqsi jekk jistax jara minn fejn kien jghid li le. pero' meta lesta mill-gnien sema xi vucijiet u telgha it-tarag tal-gnien tieghu u hareg ghal got-triq u sab il-karozza ta' Grixti pparkjata u haseb li kien sehh xi accident. Qal li Grixti joqghod faccata tieghu u x'hin dar mal-karozza ra lil Grixti ma l-art u ghenu iqum minn ma l-art u dak il-hin l-appellant beda jghidlu biex ma jindahalx u huwa baqa' ihares lejh. Dak il-hin l-appellant hareg il-mobile mill-but tieghu u gibed xi ritratti tal-bieb tal-garage tieghu u meta staqih ghaliex kien qed ighamel hekk telaq 'l hemm. Jghid ukoll fuq mistoqsija tad-difiza li sema lil Grixti jitkellem hazin fil-konfront tal-appellant.

Rat ix-xhieda ta' **Mr Frederick Zammit Maempel** konsulent Ortopediku li xehed nhar l-14 ta' Frar, 2019[7] li kkonferma li l-feriti li garrab Carmel Grixti fl-incident tat-12 ta' April, 2018 huma ta' natura hafifa u ma hallew l-ebda disabilita permanenti. Huwa pprezenta ir-rapport tieghu li gie markat bhal dok FZM 1.[8]

**Dr Marylyn Badacchino** xehed nhar is-27 ta' Marzu, 2019[9] u kkonfermat li kienet ezamiant lil Carmel Grixti nhar it-12 ta' April ,2018 fis-5.40pm fic-centru tas Sahha tal Mosta u kkonfermat li l-griehu sofferti minnu kienu ta' natura gravi ghaliex mill-X rays rrizulta li kellu ksur tal-id il-leminija . Murija c-certfikat eebit fl-atti a fol. 2 tghid li dak gie rilaxjat minnha u tikkonferma l-kontenut tieghu. Ikkonfermat li minn dak in-nhar il-quddiem ma regghetx ezaminat jew rat lil Carmel Grixti. Mistoqsija jekk hiex eseprta fil-qari tal- X rays tghid li taf taqrahom pero' ma hiex esperta fil-ksur.

[7] Fol. 58
[8] Fol. 60
[9] Fol. 98

Ikkonfemrat li pero' ghalija il-ksur li kien hemm fuq l-X ray kien wiehed gdid tant li kien hemm nefha u ugiegh fl-istess id.

**PC 1290 Clayton Delia** xehed nhar l-4 ta' Gunju, 2019[10] u kkonferma li nhar it-12 ta' April, 2018 ghall-habta tat-7.40 am l-appellant li gharaf prezenti fl-awla irraporta l-ghassa tal-pulizija taz-Zurieq fejn kien stqarr li ftit qabel kellu argument na Carmel Grixti. Huwa baghat ghal dan Grixti u a bazi tal-versjonijiet moghtija lilu huwa bena ir-rapport tieghu, l-okkorenza esebita u markata bhal dok DC1[11]. Stqarr li Camilleri kien qieghed jigri f' Triq Wied Babu u sab karozza tas- sur Grixti u li kienu ser jitghajru. Qallu li kompla jigri u ftit tal-hin wara iltaqa' mieghu mill-gdid fi triq ohra. Waqfu tkelmu u gew fl-idejn u spiccaw darbu lil xulxin. Ikkonferma li kien l-appellant li mar jghamel ir-rapport u wara mar ikelmu Carmel Grixti fuq talba tieghu. Mistoqsi jekk l-appellant kienx jaf ma min kellu xi jghid ighid li le kien ipprovdili n-numru tal-vettura tieghu u minn stharrig li ghamel mas sistema tal MPS irrizulta li kien certu Carmelo Grixti. Ikkonferma li kien baghat ghal Grixti dakinhar stess.

**Dr Raymond Grixti** xehed nhar l-4 ta' Gunju ,2019[12] u jghid li nhar it-12 ta' April, 2018 kien cempillu huh Crmel Grixti waqt li kein xoghol bhala tabib fic-centru tas-sahha tal-Mosta u qallu li huwa hu sejjer hdejn l-ghalqa gie vjolentat minn pesuna li hebb ghalih, u wadbu t-tarag u li qed tugghu idejh u spaltu. Imbaghad rega cempilu aktar tard wara nofsinhar dak in-nhar stess u qallu li kellu aktar ugiegh u ghalhekk ftiehem li kellu jmur ic-centru tas-sahha tal-Mosta u saq ghal warajh. Qal li hemmhekk gie invistat minn tabib. Huwa pprezenta hames appointment cards ta' huh li gew markati bhal dok RG1 sa RG 5.[13]

Rat id-digiret tal-Qorti tad-9 ta' Lulju, 2019 fejn innominat lil Dr Mario Scerri sabiex jezamina lil Carmel Grixti jaghti deskrizzjoni tal-griehi allegatament sofferti minn Carmel Grixti

---

[10] Fol. 103
[11] Fol. 108
[12] Fol. 153
[13] Fol. 125

Illi nhar it-18 ta' Settmbru, 2019 xehed **Dr Mario Scerri** u pprezenta r-relazzjoni tieghu li giet markata bhal dok MS. Spjega li kien gie nominat mill-Qorti biex jezamina lil Carmel Grixti u jiddiskrivi s-subiti minnu waqt allegat incident li sehh nhar it-12 ta' April, 2018. Qal li Grixti ittihdulu X rays in konnessjoni ma dan l-incident u dawn gew ezaminati minnu u ma ra l-ebda fratturi ghalkemm kien hemm eivdenza ta' Oblique fracture fil-5th metacarpal bone tal-lemin u stqarr li meta ezaminah kien ghadu qed jilmenta minn ugiegh u ghalhekk ikklasifika il-feriti bhala dawk ta' natura gravi per durata. Mistoqsi jekk ghandux xi specjalizazzjoni fl-ortopedija jghid li m'ghandux u huwa specjalist fil- medicina foresnika. Minkejja li gie mgharaf li l-ispecjalist Dr Zammit Maempel qal li l-feriti huma ta' natura hafifa huwa insista li l-feriti kienu ta' natura gravi per durata.

L-appellant **Jonathon Camilleri** ghazel li jixhed minn jeddu u b'mod volontarju nhar it-12 ta' Dicembru 2019.[14] Dan spjega li nhar it-12 ta'April, 2018 kien hareg ghal girja mar-rahal kif jghamel bhala abitudni u kien tiela' minn Triq Wied Babu li hija telgha u kif wasal f'Misrah il Barrieri kien hemm service road li go fiha kien hemm xarabank li kienet qed tghabbi t-tfal ta' l-iskola. Kien ftit metri 'l boghod u ra karozza niezla mid-direzzjoni opposta. Din il-karozza kienet ser iddur ghal hdejn ix-xarabank biex jidhol fis-service road u f'dak il-punt inhased. Jghid li x-xarabank kienet fuq il-lemin tieghu. Appena ra l-karozza gejja lejh waqaf ghax inhasad u dak il-hin ghamel mossa lejn ix-xuffier tal-karozza qisu ried jghidu zomm ftit attensjoni u baqa' tiela ghall-ghonq it-triq. Dak il-hin la hu ma kellem id-driver tal-karozza u lanqas id-driver tal-karozza ma kelmu.

Dak il-hin induna li kien hemm persuna ohra qed tigri paralella mal-karozza direzzjoni opposta tieghu u kompla tielgha t-telgha . Qabez il-bokka tas-service road u dahal fi Triq il-Barrieri xi ftit metri fejn hemm kisra li taghti ghal Triq il- Barrieri u qabad din it-triq. Kompla jigri u jidhrilu li sema xi hoss ta' horn imma baqa' sejjer u kompla jisma l-horn ghal diversi drabi. Ghalhekk baqa' ghaddej fid-direzzjoni opposta tal-karozza . Tela' ghal go triq ohra li tigi paralella ma triq ohra li l-bokka tas-*service road* taghti ghaliha. It-triq fejn kien qed jigri hija ghola izjed mit-triq l-ohra. Fil-fatt ikkonferma li hemm dislivell u fejn gara l-kaz hemm dislivell ta' cirka sular.

[14] Fol. 168

Jghid li minn triq ghal triq hemm access b'tarag. Huwa baqa' jigri ghall-ghonq it-triq ta' Triq il-Barrieri. U baqa' jisma l-horn u wara ftit sema dan il-horn proprju vicin tieghu u ghalhekk assuma li l-karozza li kienet qed idoqq il-horn kienet gejja fid-direzzjoni tieghu.. Dar biex jara x'kien dan il-horn u induna li kienet l-istess vettura ta' qabel u ra li kienet ser tidhol fis-service road u ra ix-xuffier ighamel xi mossi b'idejgh . Dak il-hin hares l-isfel u ra l-vettua mhux paralella mieghu izda ftit lura u ghalhekk seta jara lix-xuffier mill-windscreen. Dak il-hin dahal fil-pjan tat-tarag fl-istess livel fejn kien u baqa' hemm kif muri fid-dokument markat dok JC1. Il-karozza li kien ra waqfet hareg ragel minnha u beda joffendih u qallu '*toffednini wara li ghodok tghajjartni*' Dan baqa' joffendih u dejjem javvicinah. Imbaghad wara li hareg mil-karozza beda tielgha it-tarag waqt li qed joffendih. Huwa beda jghidlu li kien ser itajjar zewg min nies u dan ic-cuffier baqa' joffednih u jghidlu li ma kienx tghajjarhom. Il-hin kollu jersaq aktar vicin lejh u fl-ahhar gie punt li kien meighu. Dan beda jerfa idejh u imur lejh u huwa mar jilqa'

Mistoqsi kif ghamel ix-xuffier l-appellant jghid li kien '*gej bil-pon u gej qisu ghalija, jien hekk hadtha dak il-hin.*' Mistoqsi fejn ghamlu l-ponn u jekk mess mieghu iwiegeb ' *Le hu gie jaghmel il-ponn u gej jaghti ghal fuqi.*' Mistoqsi x'ghamel jghid ' *jiena lqat b'idejja*' Jispejga u jghid ' *ilqajt s' intendi l-isfel ghax hu kien qieghed izjed l-isfel minni, ma kein xl-istess livell tieghi at apoint in time kien hem kuntatt u naf li dan ir-ragel waqa' imbaghad.'*

Ikompli ighid li dan ir-ragel waqa' ma l-art u nizel it-tarag u wara ftit rega qam u rega beda tiela it-tarag u gie mieghu bil-papocca f'idu u rega mar fuq hdejk. Huwa ma iccaqlax minn fejn kien. Jaf li giet terza persuna u bdiet izzomm lil dan ir-ragel u tipprova tikkalma is-sitwazzjoni. Imbaghad nizllu t-tnejn u kompla ghall-ghonq it-triq. Nizel it-tarag biex jiehu ritratt tat-targa tal-karozza biex jinforma ill-pulizija b'dak li kien gara u dak il-hin it-terza persuna qaltlu biex ma tiehux ritratti u beda ighidilha biex ma tindahalx Huwa esebixxa ritratt tal-karozza li ha tat-targa taghha biex jidentifika ix-xuffier taghha u dan gie markat bhala dok JC2

Mistoqsi jekk ix-xuffier tal-karozza laqtux jghid iva u fil-fatt ighid li tah bil-papocca fuq ghonqu, spaltu u bejn l-ghonq u l-ispalla tax-xellug. Qal li fil-fatt inghata

certifikat mediku dwar il-griehi li sofra. Mistoqsi jekk hux minnu li lill-pulizija kien qallha li kien imbotta lil Grixti l-isfel jghid li seta qal hekk fl-ecitament li kellu pero' jghid li dan sehh 'biex iddefendejt lili nnifsi'. Fil-fatt ikkonkluda x-xheida tieghu billi stqarr is-segwenti:-

*" Jiena dakinhar iddefendejt lili innifsi, ma imbuttajtu fl-ebd ahin, jista jkun li dakinhar ghidt li imbuttajtu bl-ecitament ts-sitwazzjoni u li jiena naf li kien hemm kuntatt bejniethna u dan ir-ragel spicca ma l-art jien dak il-hin ikkonvincejt lili innfisi li kont imbuttajtu imma fil-verita jiena ma imbuttajtu f-ebda hin."*

L-**Ispettur Roderick Attard** xehed nhar l-4 ta' Frar, 2020 u esebixxa ic-certifikat mediku rilaxxjat minn Dr Anthony Gauci fil-konfront tal-appellant liema certifikat gie markat bhala dok X. Ma dan ic-certfikat hemm anness l-affidavit ta' Dr Gauci li jistqarr li dakinhar tal-incident tat-12 ta' April 2018 kien ezamina lill-appellant u kkonferma li kellu xi griehi.

Ikkunsidrat.

Illi it-tlett elementi ta' dritt li huma dottrinalment mehtiega sabiex tigi applikat id-difiza tal-appellant u cioe' l-iskriminanti ghad-delitt tal-omicidju jew tal-offiza fuq il-persuna, kif spjegati ben tajjeb fis-entenza **Republlika ta' Malta vs Mariano Grixti**[15] huma illi l-minaccja jew l-aggressjoni affaccjata trid tkun wahda gravi, ingusta u inevitabbli u wkoll illi r-reazzjoni trid tkun wahda proporzjonata ghal din il-minaccja/aggressjoni kif hekk ikkwalifikata :-

*"Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu*

[15] Qorti ta' l-Appelli Superjuri 3 ta' Ottubru 2018

*stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. "*

Illi l-**Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali** ighid hekk dwar din l-iskriminanti:

*Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.*

Illi d-decizjoni ta` spiss iccitata anke mill-ewwel Qorti fejn saret esposizzjoni legali ta' din l-iskriminati hija **<u>Repubblika ta` Malta vs Domenic Briffa[16]</u>** fejn inghad hekk :-

*"Sabiex wiehed jista' jitkellem fuq legittima difiza li twassal ghall-gustifikazzjoni jew non-imputabilita` (a differenza ta' semplici skuzanti - art. 227(d)), iridu jikkonkorru, kif diga` nghad, l-elementi kollha li dottrinalment huma meqjusa necessarji, cioe` l-bzonn li l-minaccja tkun gravi, tkun ingusta, tkun inevitabbli u fuq kollox li r-reazzjoni tkun proporzjonata ghall-minaccja jew ghall-aggressjoni.*

*Dwar l-element ta' l-inevitabilita` il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu "Lectures in Criminal Law, Part I", ighid hekk (pagna 104):*

*"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to*

[16] Qorti ta' l-Appelli Superjuri fis-16 ta` Ottubru 2003

*legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."*

Dwar il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja, il-Qorti, fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Frangisku Fenech**[17], wara li accennat ghall-kontroversja klassika bejn dawk li jghidu li jekk l-aggredit seta' jahrab kien tenut li jaghmel hekk u dawk li jghidu li l-aggredit ma ghandu qatt jirtira, kompliet hekk:

*"Din il-Qorti hi tal-fehma li llum ma tistax izjed taccetta bhala proposizzjoni assoluta illi (barra, naturalment, mill-kaz tal-"commodus discessus") jekk l-aggredit seta' jevita l-hsara, allura kien tenut jahrab u illi jekk ma jahrabx ma jistax minhabba f'hekk jinvoka din l-iskriminanti; izda fl-istess hin ma tahsibx li tista' taghti salvakondott ghall-ispavalderija zejda. Dawn huma l-limiti gusti tal-kwistjoni u pjuttost milli tifformalizza proposizzjoni rigida applikabbli ghall-kazijiet kollha, din il-Qorti tippreferixxi li l-kwistjoni tigi risolta kaz b'kaz, u fuq l-iskorta tal-principji salutari li jiggovernaw dan il-kaz klinikament tipiku ta' gustifikazzjoni."*

Il-Qorti fis-sentenza fuq citata **Republika ta' Malta vs Mariano Grixti** , azzardat zzid li l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja ghandha tigi affrontata hu li wiehed jistaqsi: *l-agent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont tac-cirkostanzi kollha, ragjonevolment jevita dak il-perikolu jew dik il-minaccja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-agent seta', billi jaghmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew ohra, jew anke billi semplicement ma jiccaqlaqx, facilment jevita l-periklu jew minaccja li kien qed jara fil-konfront tieghu, allura, jekk ma jaghmilx hekk jigi nieqes l-element tal-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja. Jekk, pero`, mill-banda l-ohra, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-agent ma kellu jaghmel xejn minn dan jew, anzi, kellu jibqa' ghaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaccja, allura b'daqshekk ma jigix nieqes l-element ta' l-inevitabilita` ."*

Mela l-agent irid ikun qed jirreagixxi (ghall-aggressjoni jew minaccja minnu ga` percepita bhala ingusta u gravi) proprju biex ma jhallix il-hsara mhedda ssehh. Jigifieri s-sitwazzjoni trid tkun wahda fejn l-aggressjoni jew minaccja x'aktarx issir

[17] Qorti ta' l-Appelli Superjuri fit-23 ta' Gunju, 1978

wahda verament inevitabbli, u mhux semplicement prezunta li hi inevitabbli. A propozitu tar-rekwizit ta' l-attwalita`, il-gurista Taljan **Francesco Antolisei** jghid hekk:

*"Il codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente', dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula [pericolo attuale] si e` voluto porre in rilievo che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Pericolo attuale e` pericolo presente. Pertanto, un pericolo meramente futuro, e cioe` la probabilita` che in seguito si verifichi una situazione pericolosa non basta; e se ne comprende la ragione, giacche` in tale caso l'aggredito ha la possibilita` di invocare efficacemente la protezione dello Stato"*

Illi r-*ratio legis* wara l-istitut tal-legittima difiza huwa d-dritt ghal awto-tutela ta' persuna jew tal-gheziez taghha, b`tali mod illi qtil isir gustifikat. Dan isehh meta persuna tkun sabet ruhha wicc imb'wicc ma` agressjoni ngusta tant illi ma tkunx tista' tirrikorri ghal mezzi ohra biex tahrab minn jew tevita dak il-periklu jew inkella li tirrikorri lejn l-Istat sabiex iharisha mill-periklu. Tispicca ghalhekk kostretta tuza mezzi hija stess biex thares lilha innifisha minn dak il-periklu li jkun attwali, gravi u inevitabbli. Id-dritt penali Taljan fil-fatt isemmi bhala zewg rekwiziti ghall-awto-tutela dik tan-necessita' u tal-kostrizzjoni :-

*"La necessità di difendersi e la costrizione sono due elementi diversi ma tuttavia connessi. Necessità di difendersi significa che la reazione deve essere difensiva, e quindi non aggressiva, nel senso che deve essere un'azione che si contrappone ad un'altra azione uguale e contraria, o perlomeno analoga.*

*La costrizione implica che la legittima difesa non possa essere invocata tutte le volte che il soggetto aggredito aveva altre modalità di difesa (ad esempio quando poteva sottrarsi al pericolo con la fuga, oppure chiamando un agente nelle vicinanze). Il soggetto infatti deve essere costretto, cioè trovarsi in una situazione implicante impossibilità di scelta.*

*Si ha costrizione quando il soggetto subisce l'alternativa tra il reagire o tollerare l'attacco esterno senza esserne l'artefice. Ciò si verifica quando tale alternativa non è causata o accettata dall'aggredito o quando egli non possa sottrarvisi senza pregiudizio. Non è, pertanto configurabile la costrizione se il soggetto agente abbia agito non per scopo difensivo, ma per*

*risentimento o ritorsione (Sez. 1, n. 3200 del 18 febbraio 2000) o in un contesto di sfida reciproca (Sez. 5, n. 7635 del 16 novembre 2006; Sez. 1, n. 365 del 24 settembre 1999). La legittima difesa non è neppure invocabile da parte di colui che accetti una sfida o si ponga volontariamente in una situazione di pericolo dalla quale è prevedibile o ragionevole attendersi che derivi la necessità di difendersi dall'altrui aggressione. "*

Jekk allura l-aggredit ikollu l-ghazla fil-mument tal-agressjoni u cioe' jekk ikun possibbli ghalih li jevita dak il-perikolu jew ikun jista' jfittex l-ghajnuna mill-awtoritajiet u jonqos milli jaghmel dan, izda jaffaccja l-periklu huwa stess, allura jigi nieqes il-kuncett tal-awto-difeza.

Fil-fatt id-dritt penali Taljan jippresupponi zewg rekwiziti ghall-applikazzjoni ta` din l-iskriminanti :-

*L'accertamento della legittimità va infatti operato in due momenti differenti, il primo avendo riguardo all'offesa e al pericolo da questa generato, il secondo avendo riguardo invece alla difesa vera e propria.*

*La legge richiede in primo luogo che si agisca per difendere un diritto contro un'offesa ingiusta. Il significato di questo punto è sufficientemente chiaro e univoco da non richiedere specificazioni.*

*Secondo e ultimo requisito per potersi legittimamente difendere è che il pericolo causato dall'offesa sia attuale, escludendo così tutti i casi in cui questo sia già esaurito o debba ancora verificarsi.*

Sabiex l-att difensjonali jkun ġustifikat, l-att ta' agressjoni jrid jkun ta' ċertu portata u ta' periklu u jrid jammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f'tali ċirkostanzi li jqajjmu biża raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew tas-sigurta` personali ta' dak li jkun jew ħaddieħor. Dan ghandu jkun determinat minn min hu imsejjah biex jiggudika billi jigi applikat it-test soggettiv li jfisser illi l-gudikant irid jidħol fiż-żarbun tal-gudikabbli skont il-każ sabiex igharrbel il-hsibijiet u l-emozzjonijiet tieghu fil-mument illi huwa jkun ġie rinfaċċjat bil-periklu.

Ikkunsidrat ulterjorment,

L-ewwel Qorti ma laqghetx id-difiza ta' legittima difesa f'dan il-kaz u dan ghaliex ma irrizultalhiex li kien hemm kuntatt fiziku bejn il-parti leza u l-imputat illum appellant qabel l-parte leza giet imbuttata t-tarag. Minkejja dan tghid li huwa minnu li rrizultalha li l-parte leza hareg mill-vettura u tela' it-tarag biex jaffronta lill-appellant izda tikkwota u tghid li *'ghamel hekk ghaliex l-appellant waqaf fit-triq u kien qed jiggestikola'*.

Din il-Qorti pero' ma taqbilx ma dan is-sentiment u ragunar ta' l-ewwel Qorti. Taghmel referenza ghal dak li qal l-appellant meta gie msitoqsi mill-Qorti x 'ghamel meta ra lill-aprte leza tielgha it-tarag ghalih jghid li dan gie jaghti ghal fuqu u huwa laqa' b'idejh, u ifisser iktar car billi jghid li laqa' b'idejh 's'itnendi l-isfel ghax hu kien qieghed izjed il-fuq minni u ma keinx l istess livell tieghu at a point naf li kien hemm kuntatt u naf li dan ir-ragel waqa imbaghad. L-parte civle fit-trattazzjoni orali jghamel referenza ghal dik il-parti tax-xheida moghtija mill-appellant meta qal li kien imbotta lill-parte leza. pero' dinil-Qorti fliet ix-xheida tal-appellant u dan stqarr li fil-fatt seta kien li imbotta lill-parte leza pero' dan wara li l-istess parte leza kienet xebghet toffedngih u fil-fatt anke ix-xhud ondependenti Baldacchino jikkonferma dan, wara li kien hareg ghalih mil-vettura tieghu b'rabja u billi ipoggil-ponn fil-konfront tieghu, u billi telgha it-tarag ghs-sodisfazzjoni meta seta facilment jibqa' bil-karozza jew jibqa isuq.

Jinghd li l-appellant kien ghaddej jigri u f'xi hin hass li l-parte leza kwazi tghajjar lilu u ragel iehor li kein qed jigri. Fl-ebd ahin ma avvicinah izda anzi baqa' ghaddej fi triqtu. Jidher biss li ghamel xi mossa lejn ix-xuffier l-parte leza beix jattiralu l-attensjoni tieghu dwar is-sewqan tieghu. Kien l-parte leza li baqa isus wara l-appellant isuq u jghafas il-horn biex juri lill-appellant li kien dejqu bil-mossa li kien ghamillu. Tant kien dejqu li baqa' baqa' sakemm nizel mill-vettura tieghu telgha it-tarag u mar ghas-sodisfazzjoni. Mhux talli hekk izda jidher ukoll li wara li l-parte leza waqa' ma l-art dan qam u rega mar jiggieled din id-darba bil-papocca tieghu

f'idejh jaghti lill-appellant u dan il-fatt hu konfermat mic-certifikat mediku esebit fl-atti li inhareg fil-konfront ta' l-istess appellant li jikkonferma li l-appellant sofra xi griehi ukoll.

Huwa minnu li l-appellant kien fil-parti ta' fuq tat-tarag izda li kieku l-parte leza ma telghax it-tarag u jfittex is sodisfazzjoni ma kienx ikun hemm kuntatt bejneithom.

Jghid l-appellant li huwa nizel it-tarag biex jiehu n-numru tal-karozza tal-parte leza peress li ma kienx jafu beix meta imur ghand il-pulizija ikun jista jidentifikah. Dan fil-fatt hu konfermat kemm mix-xhud Marcel Attard Baldacchino li hu gar tal-aprte civile li jghid li rah jiehu ritratti u meta mar iwaqfu qallu 'tindahalx' kif ukoll mill-prezentata tar-ritratt Dok JC 2 li jindika it-targa tal-vettura. L-pulizija fl-ghassa PC 1290 ukoll jikkonferma li meta l-appellant mar jghamel rapport huwa ma kienx jaf minn kien aggredih izda tah in-numru tal-vettura tieghu u waslu ghal parte leza mis-sitema tal MPS. Jidher ghalhekk li l-appellant hu konsistenti f'dak li jghid. Dan ix-xhud jikkonferma ukoll i Griuxti kienirrabjat hafna huwa u jindirizza lill-appellant

Meta wiehed jezamina dak li qal l-appellant meta mistoqsi mill-Qorti meta l-parte leza kienet qed toffednih u tavvicinah jghid li baqa' fuq fl-indana tat-tarag u beda jghidlu " *Kont ha ttajjar tnejn min nies'* u l-parte leza wiegbu ' *Ma tghajjartkomx, ma tghajjartkomx."* L-appellant jghid li minkejja dan xorta baqa' riesaq lejh . Kuntrarjament ghal dka li qalet l-ewe Qorti fis-entenza taghha li kien l-appellant li nizel it-tarag biex jaffronta lill-parte leza. Jghid ukoll li '*imbaghad gie f'punt li gie fl-ahhar jigifieri gie meighi hekk, l-ahhar zewg targiet, beda jerfa idejh u gej lejja,* ". L-appellant jghid li huwa mar 'jilqa'. Jippreciza fuq domanda tal-Qorti u l-appellant jghid li kien " *gej bil-ponn, u gej ghalija u jien hekk hadtha dak il-hin....gej jaghti ghal fuqi."* Qal ukoll li ghalhekk huwa laqa' b'idejh'.

L-parte civle min naha tieghu meta gie mistoqsi ghaliex waqaf bil-karozza iwegeb "*dehrli li kelli nieqaf ghar raguni li hu kien qieghed jistennini fuq fit-tarag."* Jikkonferma li l-appellant ma messux qabad u imbuttah biss u ghalhekk waqa' ma l-art . Jghid ukoll li waqt li kien fil-karozza u l-appellant ghamillu xi mossa b idejh , waqqaf il-karozza u staqsih jekk ridx jghidlu xi haga. L-appellant jghid li l-parte civle beda idoqq il-

horn tal-karozza waqt li hu kien qed jigri u l-parte civile jammettti li kien daqq il-horn pero' jghid li kien ghamel hekk minhabba xi *blind corners.*

Jidher ghalhekk li dak li qal l-appellant fir-rigward tal-parte civile kien kollu minnu.

Il-Qorti hija tal-fehma fil-kwadru tal-fatti kif imresqa li fil-fatt l-appellant verament agixxa in legittima difesa tieghu u dan ghaliex rinfaccjat b'dik is-sitwazzjoni fejn l-parte leza l-ewwwel kienet ser itajjru, imbaghad baqghet isegwih idoqq il-horn, imbaghad tarah jinzel mill-vettura tieghu u jitla' it-tarag ghas-sodisfazzjoni tieghu meta huwa ma kien ghamillu xejn salv li ghamilu xi mossi biex jattiralu l-attensjoni tieghu ghas-sewqan tieghu. Jirrizulta li kien qed ighajjat joffendih u kelmu hazin u jaghmel il-ponn u dan l-agir ghalhekk ma halla l-ebda tirq ohra lill-appellant li kien fuq saqajgh li jimbutta lil parte civile l-isfel 'l hemm sabiex ma jkomplix bl-aggressjoni tieghu ujipprotegi l-persuna tieghu. L-appellant jghid li fil-fatt agixxa b'dil-manjera biex jilqa' l-aggrressjoni tal-parte civile. Kien l-parte civile li induca dan l-incident meta nizel mill-karozza tieghu u mar jaffronta lill-appellant li kien bi kwietu fit triq.

Din il-Qorti ghalhekk ser tilqa' d-difiza tal-legittima difesa sollevata mill-appellant u konsetgwentement sejra tirreovoka is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti. In vista ta' dan ir ragunament ta' din il-Qorti , ma hemmx lok li jigi trattat it tielet aggravju dwar il-piena.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeda tirrevoka is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti b'dan illi qed tilqa' id-difiza tal- legittima difesa tal-appellant u qeda tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur